# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Ottubru 2012

## taħtar membru Ġermaniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/647/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ([1]) u 2010/29/UE ([2]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Petra ROTH, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Is-Sinjura Dagmar MÜHLENFELD, *Oberbürgermeisterin der Stadt Mülheim an der Ruhr*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

---

([1]) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

([2]) ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.